

STĦARRIĠ DWAR L-AĊĊESS TAL-IMPRIŻI GĦALL-FONDI (SAFE)

Għażiż Sinjur/Għażiża Sinjura,

Il-kumpanija ta' riċerka politika, Panteia, u d-ditta indipendenti ta' riċerka tas-suq, GDCC, li t-tnejn huma bbażati fl-Olanda, qegħdin jagħmlu stħarriġ importanti f'isem il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u jixtiequ jistiednu l-kumpanija tiegħek tiegħu sehem fl-istħarriġ.

Il-Kummissjoni u l-BĊE jixtiequ jifhmu aħjar il-problemi u ċ-ċirkostanzi li jħabbtu wiċċhom magħhom ditti mhux finanzjarji żgħar, medji u kbar biex ikollhom aċċess għal fondi mill-banek u minn sorsi oħra ta' finanzjament. Dan l-istħarriġ qiegħed isir fl-Ewropa kollha u t-tweġibiet tal-istħarriġ se jgħinu lill-Kummissjoni tfassal il-politika tagħha sabiex jitjeb l-aċċess ta' impriżi bħal tiegħek għall-fondi, u lill-BĊE biex ikun jista' jżviluppa l-politika monetarja tiegħu.

L-intervista bit-telefon iddum madwar 15-il minuta u ssir skont il-kodiċi internazzjonali ICC/ESOMAR tar-riċerka tas-suq u r-riċerka soċjali. Dan ifisser li t-tweġibiet tiegħek se jkunu għalkollox kunfidenzjali. Aħna nkunu nixtiequ nkellmu lill-persuna li tkun taf l-aktar dwar il-finanzjament tal-kumpanija tagħkom. Jekk din il-persuna ma tkunx int, jekk jogħġbokom għarrfuna meta darb'oħra nikkuntattjawkom bit-telefon. L-intervisti se jsiru fil-ġimgħat li ġejjin.

Jekk tiegħu sehem, nibagħtulkom il-konklużjonijiet ewlenin tal-istħarriġ fil-qosor meta jitlesta l-istudju kollu.

Jekk tkun trid aktar tagħrif dwar il-proġett, għandek tikkuntattja lil GDCC hawnhekk survey.accesstofinance@gdcc.com jew lill-BĊE fi survey.accesstofinance@ecb.europa.eu.

Dejjem tiegħek



Ioannis Ganoulis
Kap tal-Istatistika Monetarja &
Ekonomika,
Bank Ċentrali Ewropew



Kristin Schreiber
Direttur,
Il-programm COSME,
DĠ Suq Intern, Industrija,
Intraprenditorija u SMEs,
Kummissjoni Ewropea